MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 77/2008

**Doris mart Euchar Mizzi, Carmelo Debattista, Josephine Mercieca u Maria Spiteri**

**Vs**

**Jane Bonnici**

Permezz ta’ din il-kawza[1] l-atturi qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex tordna l-izgumbrament tal-konvenuta mill-fond 24, Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex in kwantu jsostnu li qeghda tokkupa l-fond minghajr titolu. Fond li kien mikri lil Giuseppe u Carmela konjugi Buhagiar, il-genituri tal-konvenuti, u li mietu fis-7 ta’ Marzu 2004 u 9 ta’ Jannar 2008 rispettivament.

---

[1] Ir-rikors guramentat gie prezentat fit-18 ta’ Lulju 2008.

Il-konvenuta pprezentat risposta guramentata fis-27 ta' Awwissu 2008 fejn fil-qosor iddikjarat:-

1. In-nullita' tan-notifika tar-rikors guramentat in kwantu ma thalliex fir-residenza tal-konvenuta izda go fond f'Marsalforn.
2. In-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris*.
3. In-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti peress li l-onvenuta qeghda tokkupa l-fond b'titolu ta' kera skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69.
4. Il-konvenuta qeghda tokkupa l-fond bhala inkwilina b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Kap. 69, in kwantu tikkwalifika bhala "kerrej".
5. L-oneru tal-prova li l-konvenuta ma tikkwalifikax bhala "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69 qieghed fuq l-atturi.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

1. L-atturi kienu jikru l-fond 24, Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex lill-genituri tal-konvenuta (Giuseppe u Carmela konjugi Buhagiar). Kirja li m'huwiex kontestat li kienet saret qabel l-emendi ntrodotti fl-1995. Il-konjugi Buhagiar baqghu jabitaw f'dan il-fond sad-data tal-mewt taghhom.
2. Il-konvenuta mizzewwga u ghandha zewgt itfal. Id-dar matrimonjali kien il-fond 16, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn, Ghawdex. Permezz ta' kuntratt li sar fit-3 ta' Settembru 2001 (fol. 76) infirdet minn ma' zewgha Joseph Bonnici.
3. Fis-7 ta' Marzu 2004 miet Giuseppe Buhagiar.
4. Fid-9 ta' Jannar 2008 mietet Carmela Buhagiar.
5. Permezz ta' ittra legali datata 16 ta' Jannar 2008 (fol. 9) l-atturi talbu lill-konvenuta sabiex tirritorna lura c-cavetta tal-fond, peress li kienet mietet ommha.
6. Permezz ta' ittra legali datata 29 ta' Jannar 2008 (fol 10) l-atturi spjegaw li kienu qeghdin jippretendu li l-konvenuta ma kellix jedd fuq il-fond peress li ma kenitx qeghda tghix ma' ommha fi zmien il-mewt taghha.
7. Il-konvenuta rrifjutat u qeghda ssostni li hi inkwilina.

Fl-ewwel lok ser jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta:-

(a) **In-nullita' tan-notifika tar-rikors ghaliex gie notifikat fil-fond Maplin Sands, Triq Ghar, Qawqla, Marsalforn u mhux f'dak meritu tal-kawza**:- Hi x'inhi l-posizzjoni dwar il-post fejn kellha tigi notifikata l-konvenuta, ipprezentat risposta guramenata u tat ukoll eccezzjonijiet fil-meritu. Inoltre dehret ghas-seduti u ressqet il-provi. Il-fatt li l-konvenuta ddefendiet ruhha billi pprezentat risposta guramentata u wara ressqet il-provi, hi konferma li r-rikors guramentat u l-avviz ta smiegh inghataw lilha. L-iskop tan-notifika hu mezz sabiex jigi assigurat li parti f'kawza kienet taf bihom u b'hekk titqieghed f'posizzjoni li tiddefendi ruhha. F'dan il-kuntest hu rilevanti l-insenjament tal-Qorti tal-Appell:- *"Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifika bl-att."* (**Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet** deciza fit-13 ta' Lulju 2001).

(b) **Il-qorti kompetenti hi dik inferjuri**:- Eccezzjoni minghajr bazi in kwantu l-Artikolu 47(3) tal-Kap. 12 jaghmilha cara li kawzi li jittrattaw dwar izgumbrament minn fond, ma jaqghux taht il-kompetenza tal-qorti inferjuri.

Il-kwistjoni kollha hi dwar jekk il-lokazzjoni ghaddietx favur bint l-inkwilina li mietet, in forza tal-ligi specjali in bazi ghall-possibbli applikabilita` ghaliha tad-definizzjoni ta' "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69 (Ordinanza Li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini); *"fil-kaz ta' dar ta' abitazzjoni, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, **dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.**"*.

M'hemmx dubju li din il-qorti hi kompetenti sabiex tistabilixxi jekk il-konvenuta tikkwalifikax bhala kerrej taht il-ligi specjali (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs Perit**

**Carmelo Bonanno** deciza fis-7 ta' Lulju 2003[2]). Fil-kawza **Professur Dr. John B Pace et vs Mario Tabone** deciza mill-Qorti tal-Appell[3] gie konfermat:-

*"(1) "Ghall-ezami tal-kwestjoni jekk il-konvenut ghandux titolu jew le hija kompetenti l-Qorti ordinarja". Ara "**Gaetano Cauchi -vs- Avv. Dr. Tommaso Fenech nomine**", Appell Inferjuri, 29 ta' Settembru, 1948;*

*(2) Dejjem dik l-istess Qorti ordinarja hi fakoltizzata li tinvesti u tezamina jekk il-konvenut huwiex kerrej, anke mill-aspett tal-ligi specjali. Ara "**Peter Sammut Briffa et -vs- Maria Dolores Zammit et**", Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2002 u "**Joseph Gauci -vs- Catherine Kerkoub**", Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru,2003."*.

Certament li jekk kellu jigi stabbilit li l-konvenuta ghandha kirja, allura din il-qorti ma tibqax kompetenti; *"Stabbilit li tali titolu kien jezisti l-kompetenza esklussiva biex jigi deciz jekk tali kirja kelliex tigi terminata kienet, fil-perijodu tar-rilokazzjoni, bhal ma hekk hu dan il-kaz, vestita fil-Bord ta' gurisdizzjoni specjali, ossija l-Bord li Jirregola l-Kera. Ara "**Francis Paris et –vs- John Grima**", Appell, Sede Inferjuri, 11 ta' Jannar 1996 u "**Alfred Fenech –vs- Rosaria Bartolo**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' April 2000."* (Qorti tal-Appell (Inferjuri) **Gemma Browrigg et vs Natasha Camilleri et** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003).

Iz-zewg elementi essenzjali huma li:-

1. Il-persuna trid tkun membru tal-familja tal-kerrej.
2. Tkun toqghod mal-kerrej fiz-zmien tal-mewt tieghu. Il-ligi ma tipprovdix kemm il-persuna trid tkun ilha tghix mal-inkwilin sabiex tkun tista' tibbenefika mill-protezzjoni li jipprovdi l-Kap. 69.

---

[2] F'dik is-sentenza l-qorti ghamlt riferenza ghall-kawza **Briffa et vs Zammit et** deciza mill-istess qorti fis-17 ta' Ottubru 2002: *"din il-Qorti ma taqbilx illi l-interpretazzjoni tal-ligi specjali tal-kera jista' jaghtiha biss it-tribunal specjali imwaqqaf taht dik il-ligi."*.
[3] Imhallef P. Sciberras.

F’dan il-kaz ma japplikawx l-emendi ntrodotti bl-Att X tal-2009.

M’huwiex kontestat li l-konvenuta hi *“membru tal-familja”*, in kwantu hi bint Carmela Buhagiar (l-inkwilina) li mietet fid-9 ta’ Jannar 2008[4].

Il-gurisprudenza tirrikonoxxi li:-

- Ghal finijiet sabiex jigi stabbilit jekk fond huwiex ir-residenza ta’ persuna, m’hemmx kriterju wiehed li jista’ jigi dikjarat li hu konklussiv. Iridu jitqiesu c-cirkostanzi ta’ kull kaz; *“.... il-kwestjoni, fl-ahhar mill-ahhar, jekk l-appellat f’dan il-kaz kienx joqghod ma’ l-inkwilin fiz-zmien tal-mewt taghha tirriduci ruhha ghal wahda ta’ fatt ghax, kif jinsab ritenut, “ir-residenza mhix quid iuris imma quid facti li tista’ tvarja minn kaz ghal kaz skond l-ipotesijiet varjanti u infiniti tal-hajja tal-bniedem. Ghalhekk naturalment, fin-nuqqas ta’ definizzjoni statutorja ta’ residenza ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 2, hafna jrid jigi rimess ghall-apprezzament tac-cirkostanzi mill-gudikant.”* (**Albert W. Salamone et vs Matthew Degiorgio** deciza fl-10 ta’ Jannar 2007 mill-Qorti tal-Appell[5]).
- Residenza ordinarja tindika residenza f’post b’certu grad ta’ kontinwita’ hlief ghall-assenzi li jkunu temporanji u accidentali. *“Hu pero kriterju tajjeb dak li jirrigwarda l-mod kif bniedem ugwalment jorganizza hajtu.”* (**Gemma Brownrigg et vs Natasha Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell[6] fl-20 ta’ Ottubru 2003[7]). Fil-kawza **Carmelo Agius vs John Agius** deciza mill-Qorti tal-Appell[8] fit-2 ta’ Dicembru 1994 gie osservat:- *“Residenza ordinarja li timplika permanenza u abitwalita’ u li b’definizzoni teskludi l-possibilta’ li l-appellat kien fl-istess zmien rilevanti joqghod band’ohra. Anke jekk tali residenza ordinarja ma kinitx teskludi l-possibilta’ illi l-appellat ikun joqghod*

---

[4] F’dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza **Carmen Pace et vs Charles Grech** deciza fit-22 ta’ Novembru 2002.
[5] Imhallef P. Sciberras.
[6] Imhallef P. Sciberras.
[7] Saret riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Saviour Coppini nomine vs Joseph Vella Bonnici nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Frar 1971.
[8] Imhallef J. Said Pullicno.

*temporanjament band'ohra per ezempju villeggjatura jew imur jaghmel xi granet ghand niesu jew fi sptar."*.

- Ir-residenza ordinarja ma jaghmluhiex il-mobbli li wiehed ikollu fil-fond jew il-fatt li fir-Registru Elettorali jkun registrat f'dak il-fond (**Dr Charles Galea nomine vs Franca Pia di Donna** deciza mill-Qorti tal-Appell[9] fis-17 ta' Marzu 2003). Ifisser li dawn m'humiex xi provi konklussivi u pjuttost huma provi korraborattivi. Min-naha l-ohra jista' jkollok sitwazzjoni fejn ghalkemm persuna m'hijiex registrata bhala votant fil-fond mikri, minn provi ohra xorta hi meqjusa li tikkwalifika bhala "kerrej" (ara **David Galea et vs Stephen Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell[10] tad-9 ta' Novembru 2005).
- *"Il-Qorti tghid li l-bniedem jista' jkollu anke ghaxar residenzi, ghalkemm generalment wahda minnhom biss tkun ir-residenza ordinarja tieghu, u mbaghad jista' jkollu r-residenza tal-kampanja, ta' l-ispjagga, tal-muntanja et similia, skond kemm il-fortuna tippermettilu. Il-lum huwa moda anke l-yacht bhala residenza.* ***Imma fl-opinjoni kkunsidrata tal-qorti l-kwistjoni mhix qieghda hawnhekk, izda fl-interess tutelat fl-artikolu 2 tal-Kap. 109[11], li kif intqal fis-sentenzi Cutajar vs Quirolo u Spiteri vs Buhagiar, fuq imsemmija, huwa dak li <u>tinghata protezzjoni lill-parenti tat-tenant li junu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt biex huma ma jsibux ruhhom barra t-triq.</u>***" (**Dr John Agius vs Marlene Copperstone et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[12] fil-25 ta' Mejju 1966).

Il-qorti semghet verzjonijiet kontrastanti. L-atturi jsostnu li l-konvenuta tirrisjedi fil-fond 16, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex u li qatt ma ghexet fil-fond meritu tal-kawza. Min-naha l-ohra, l-konvenuta ssostni li sa minn qabel miet missierha, kienet qeghda tghix fil-fond in kwistjoni. Jekk il-konvenuta kenitx qeghda tghix ma' ommha hi kwistjoni ta' fatt.

Xhieda ndipendenti qalu:-

[9] Imhallef P. Sciberras.
[10] Imhallef P. Sciberras.
[11] Kap. 69.
[12] Imhallef M. Caruana Curran.

- **Rapprezentant tal-Kummissarju Elettorali**:- B'effett mill-21 ta' April 2004 il-konvenuta kienet registrata fil-fond 24, Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex (fol. 42).
- **Rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc**:- Ikkonferma li l-konvenuta hi klijenta tal-bank u matul l-ahhar hames snin (xhieda nghatat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2008) l-indirizz li tat kien tal-fond tar-Rabat. (fol. 45). Pero fit-3 ta' Marzu 2009 rega' xehed u qal li kuntrarjament ghal dak li kien xehed, il-kontijiet li l-konvenuta kellha mal-bank kienu nfethu fit-23 u 25 ta' Lulju 2008, cjoe' wara l-mewt ta' Carmela Buhagiar.
- **Rapprezentant tal-Lombard Bank plc**:- Ikkonferma li l-konvenuta hi klijenta tal-bank u fl-2004 fethet kont bankarju u l-indirizz li tat hu 16, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn. Iddikjara wkoll li ma kienx hemm tibdil tal-indirizz (fol. 48).
- **Rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**:- Il-konvenuta ilha mill-1996 registrata fil-fond ta' Marsalforn. Min-naha l-ohra fil-fond 24, Pjazza Savina, Rabat m'hemmx *registered consumer* (fol. 49).
- **Monsinjur Giovanni Bosco Gauci**:- Ilu mill-1938 ighix fil-fond 26/27, Pjazza Savina, Rabat u kien imur iqarben lil Carmen Buhagiar. Ikkonferma li wara li miet missier l-attrici, *".....kienu jmorru tnejn mit-tfal taghha jorqdu maghha – Jane u Carmen. Sa fejn naf jien dejjem kien jorqod xi hadd minnhom mal-mama' taghhom."* . *"Nikkonferma illi l-kbira jigifieri Jane Bonnici kienet torqod hafna ma' ommha."* (fol. 51). Zied ighid li l-konvenuta kienet iddum taghmel il-facendi lill-ommha u li kienet qaltlu li ommha riedet lilha taghmel il-facendi tad-dar.
- **Monsinjur Joseph Gauci** qal li ghandu 76 sena u kien jghix fil-fond 26, Pjazza Savina, Rabat. Ikkonferma li kien imur iqarben lil Carmela Buhagiar fl-ewwel gimgha tax-xahar u fil-festi. Jaf li wara l-mewt ta' missier il-konvenuta, il-prezenza ta' wlied Carmen Buhagiar fid-dar fejn kienet tghix kienet saret iktar regolari u filghaxija kien jinzerta l-iktar lill-konvenuta; *"Mistoqsi jekk kinitx tghix wahidha wara li miet zewgha, nispjega illi t-tfal taghha ma kinux ihalluha wahidha. Hafna drabi jiena kont insib lill-kbira jigifieri lil Jane Bonnici ghand Carmela. Jane Bonnici*

*kienet qaltli illi l-mama taghha kient riditha fid-dar maghha. L-ohrajn jigifieri hut Jane, kienu jaghtuha daqqa t'id ukoll."* (fol. 87).

- **It-tabib Michael Refalo** (fol. 121) kien it-tabib li jikkura lill-genituri tal-konvenuta. Ikkonferma li kien imur izurhom fid-dar taghhom fi Pjazza Savina, Rabat. Generalment kienet taghmel kuntatt mieghu l-konvenuta, u *"Mit-tfal tal-konjugi Buhagiar l-iktar li kont niltaqa' magha fid-dar kienet l-konvenuta. Matul l-ahhar tlett (3) snin ta' hajja ta' Carmela Buhagiar nikkalkula illi kont inzurha bejn darbtejn u tlett darbiet fix-xahar."*. Ghalkemm kien jaf li Carmela Buhagiar kienet tghix f'dan il-fond, m'ghandux taghrif fejn kienet qeghda tghix il-konvenuta.
- **Anthony Camilleri** (fol. 125) qal kien hemm drabi li ltaqa' ma' oht il-konvenuta (Carmen Xuereb) u qaltlu li kienet il-gimgha li jmissha torqod hi ma' ommha. Qal ukoll li fiz-zmien li kienet ghadha hajja Carmela Buhagiar ma jafx fejn kienet qeghda tghix il-konvenuta, *".... pero jien kont nitla' kuljum fi Pjazza Savina u nghaddi minn quddiem id-dar fejn kienet tghix Carmela Buhagiar. Jiena kont ninzerta daqqa lil wahda u daqqa lill-ohra."*.
- **Giorgia Debrincat** (fol. 133) iddikjarat li d-dar fejn tghix tinsab faccata l-fond in kwistjoni. Filwaqt li fl-affidavit qalet li tghix fi Triq Sant'Ursola (fol. 26), in kontro-ezami qalet li qatt ma ghexet hemm ghalkemm fuq il-karta tal-identita jissemma dan l-indirizz. Spjegat kif wara miet Giuseppe Buhagiar l-omm spiccat wahedha ghaliex it-tfal kienu mizzewwgin. Pero' qalet ukoll li wlied Carmela Buhagiar kienu jmorru jghinuha u jorqdu maghha. Ziedet tghid li Carmen Xuereb kient tghidilha li *"...... kien imissha gimgha torqod ma' ommha u li l-gimgha ta' wara torqod ma' ommha Jane."*. Sa fejn taf hi, omm il-konvenuta ma kenitx torqod wahedha wara l-mewt ta' zewgha.
- **Tarcisia Meilak** (fol. 136) qalet li wara li miet missier il-konvenuta, Carmela Buhagiar ma kenitx torqod wahedha; *"Kienet Carmen Xuereb per ezempju li tghidli 'din il-gimgha jmiss lil Jane' u fil-fatt jiena kont nara lil Jane f'dik il-gimgha."*. Pero qalet li t-taghrif li ghandha hu *"...minn dak li qaltli Carmen Xuereb."*.
- **Maria Bugeja** (fol. 166) prodotta mill-konvenuta qalet li tghix fil-fond numru 20, Pjazza Savina, Rabat u

kienet girien tal-konjugi Buhagiar. Iddikjarat li wara li t-tlett itfal ta’ Buhagiar izzewwgu, *“..... kont narahom gejjin u sejrin minn dan il-post.”*. Pero’ f’dan il-fond dahlet darbtejn bissa sabiex taghti l-kondoljanzi lit-tfal wara l-mewt tal-ġenituri. Ikkonkludiet l-affidavit billi qalet: *“Naf li l-ahwa Buhagiar kienu jirrispettaw ferm lill-genituri taghhom. Naf li dan l-ahhar dejjem kien ikun hemm xi hadd mit-tfal jorqod mal-genituri taghhom, u dana nghidu ghaliex kont narahom dehlin bil-lejl u hergin filghodu.”*.

- **Monsinjur Joseph Vella Gauci** (fol. 167) iddikjara li kienu ilu jaf lill-konvenuta ‘il fuq minn 40 sena; *“Jane kienet qaltli li qeghda tghix mal-genituri taghha. Kellli wkoll dik l-impressjoni ghaliex kont naraha tixtri, tinnavika fil-facendi tad-dar u wkoll dak li jikkoncerna l-kura spiritwali tal-genituri taghha hi kienet il-contact person.”*. Zied ighid: *“Jiena naghmel distinzjoni li Jane kienet ghalija qeghda tghix fid-dar tal-genituri taghha u mhux l-istess kienu qed jaghmlu Carmen u Mary Louise peress illi lil Jane kont niltaqa’ maghha b’mod regolari, u mhux l-istess fil-kaz ta’ Carmen u Louise.”* (fol. 168). Ikkonferma wkoll li kien hemm okkazzjonijiet meta ltaqa’ ma’ ohta il-konvenuta (Carmen Xuereb) u qaltlu li dakinhar kien imissha torqod ma’ ommha.
- **Alvin Grech** (fol. 175) ufficjal tal-Maltapost f’Ghawdex ikkonfema li mis-sena 2003 *“..... ma jirrizultalniex illi qatt kien hemm xi talba ghal redirection of mail minn Jane Bonnici, ID 288354M sabiex il-post li tigi ricevuta fil-fond numru sittax (16),Triq Ghar Qawqla, Marsalforn tintbaghat fil-fond numru erbgha u ghoxrin (24), Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex.”*. F’dan ir-rigward il-konvenuta qalet: *“Posta Marsalforn gieli nircievi. Re-direction of mail qatt ma ghamilt, qatt ma gietni f’mohhi li naghmilha.”* (fol. 183).

Fil-kors tas-smiegh tal-provi gew prezentati dokumenti li jistghu wkoll ikunu rilevanti ghall-ezitu tal-kwistjoni:

- Ittra datata 21 ta’ Lulju 2005 mibghuta lill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ippjanar u Ambjent dwar zvilupp li kien ser jaghmel certu Michael Zammit (fol. 132). Fl-ittra jinghad: *“Ahna r-residenti tal-Pjazza inkunu bezghana ghax in-nar*

*jigi moghti biss ftit piedi boghod mill-pompa tal-petrol."* . Il-konvenuta hi wahda mill-firmatarji tal-ittra.

- Dokument tal-vot tal-konvenuta ghall-elezzjoni tal-kunsill lokali tas-sena 2005, fejn l-indirizz hu tal-fond in kwistjoni (fol. 139).
- Avviz mibghuta mill-Bank of Valletta plc datat 9 ta' Mejju 2005 lill-konvenuta bl-indirizz *"C/O St. Sabina Square, Victoria, Malta"* (fol. 140).
- Ittra datata 4 ta' Dicembru 2006 mibghuta mill G.W.U. lill-konvenuta. L-indirizz hu tal-fond meritu tal-kawza (fol. 141).
- Formola li saret fi zmien li kien qieghed isir censiment parrokkjali f'Lulju 2004 (fol. 202). Id-dokument a fol. 193 hu avviz pubblikat li kien qieghed isir *"aggornament tas-census parrokkjali."*. Mill-provi ma rrizultax meta u kif ingabret l-informazzjoni, u min kienet il-persuna li gabret l-informazzjoni. F'dan id-dokument il-parti "Isem l-Ulied li ghadhom id-dar" u "Persuni ohra li jghixu fl-istess dar", hi vojta. Monsinjur Joseph Vella Gauci kien l-arcipriet fiz-zmien li sar ic-censiment, u ikkonferma li wara li tingabar l-informazzjoni kien mahsub li jsir ezercizzju ta' rikonciljazzjoni; *"ir-rikonciljazzjoni kienet ser tikkonsisti filli jiena naghmel personalment il-verifika jekk dak illi hemm fid-database huwiex rifless fid-dokumenti li jkunu ngabru minn min ikun mar fir-residenzi u wkoll kont inqis ir-realta' attwali."* (fol. 194). Ezercizzju li kellu jaghmel izda baqa' ma ghamlux.

M'hemmx dubju li l-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq il-provi li ressqu l-partijiet. Setghet tkun ferm rilevanti informazzjoni relatata mal-konsum ta' dawl, ilma u telefon mill-fond ta' Marsalforn u r-Rabat matul perjodu ta' hames (5) snin qabel il-mewt ta' Carmela Buhagiar. Dan meqjus li l-verzjoni tal-konvenuta hi li fil-fond ta' Marsalforn ma kien qieghed ighix hadd hlief bintha, Sabrina Bonnici, ghall-perjodi qosra li tkun. Sfortunatament dawn il-provi ma tressqux.

Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuta li l-atturi ghandhom l-oneru li jaghtu prova li ma tikkwalifikax bhala "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69. L-oneru tal-prova

qieghed fuq il-konvenuta in kwantu hi qeghda tallega li tikkwalifika taht id-definizzjoni ta' "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69 (ara **Dr John Agius vs Marlene Copperstone et**, fuq imsemmija).

Il-qorti tistqarr li f'dan il-kaz ma kien facli xejn sabiex tasal ghal konkluzjoni. Madankollu wara li kellha l-opportunita' li tisma' *viva voce* x-xhieda, tqies li fir-realta' l-konvenuta qatt ma abbandunat id-dar taghha, cjoe' 16, Triq Ghar Qawqla, Marsalforn. Il-qorti ma tiddubitax li wara l-mewt ta' missierha l-konvenuta kienet tqatta' hafna hin fid-dar fejn kienet tghix ommha, u regolarment kienet torqod f'dik id-dar. Il-prezenza taghha fid-dar tar-Rabat kienet frott tal-imhabba u rispett kbir li kellha lejn ommha u mhux ghaliex kien hemm xi necessita' min-naha taghha. Pero' daqstant iehor kienu jghinu hutha (Carmen Xuereb u Marie Louise Xuereb), ghalkemm jidher li l-konvenuta kienet tqatta' iktar hin ghand ommha. Il-Monsinjur Joseph Gauci ma setax iddeskriva s-sitwazzjoni ahjar meta qal: *"L-ideja taghna kienet illi din il-mara kienet tassew moqdija minn uliedha."* (fol. 88). Pero' l-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar ta' Marsalforn u stabbilit il-fond 24, Pjazza Savina, Rabat, Ghawdex bhala r-residenza ordinarja taghha. Dan iktar u iktar meta l-qorti lanqas mhi konvinta li l-konvenuta kienet qeghda ta' kuljum torqod id-dar ta' ommha. Ghalkemm Carmen Xuereb qalet li kien hemm drabi fejn hi u ohtha Marie Louise Xuereb raqdet maghha (fol. 179), din xehedet li ma kenitx torqod ghand ommha (fol. 173). Sahansitra qalet: ***"Ohti Carmen dejjem kienet torqod ghand il-mama*** *pero' gieli kien hemm granet li ma setghetx torqod u ma qaghditx."* (enfazi tal-qorti). Il-qorti ma tqiesx li hu verosimili li ma' Carmela Buhagiar kienu qeghdin jorqdu zewgt itfal, iktar u iktar meta mill-provi ma rrizultax li matul l-ahhar tlett (3) snin ta' hajja l-kundizzjoni ta' sahha tal-omm kienet tant prekarja. Lanqas ma rrizulta li Carmela Buhagiar kienet mixhuta fis-sodod, tant li l-qassisin li kienu jmorru jqarbnuha qalu li kien fl-ahhar zmenijiet li kienet fis-sodda. Hekk per ezempju Monsinjur Joseph Gauci qal li *"Jekk niftakar sew Carmela ghamlet temp ta' ftit gimgha irtirata fis-sodda. Ma kintix pero bedridden."* (fol. 88). F'dan ix-xenarju l-qorti ma tara l-ebda skop

ghalfejn jekk il-konvenuta verament kienet tghix ma' ommha, ohtha Carmen Xuereb kellha toqghod tmur torqod ukoll fid-dar fejn kienet tghix ommha. Il-qorti hi konvinta li Carmen Xuereb kienet tmur torqod ghand ommha ghaliex kellha ftehim mal-konvenuta sabiex jitqassmu. Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda ndipendenti li ressqu l-atturi, li qalu x'kienet tghidilhom Carmen Xuereb. Il-familjari tal-konvenuta (uliedha u hutha) kollha pprovaw jaghtu lill-qorti x'tifhem li l-fond ta' Marsalforn ilu s-snin (mis-sena 2003) vojt. Rilevanti wkoll pero' kif:-

(a) Meta fl-2004 il-konvenuta fethet kont bankarju ma' Lombard Bank, tat l-indirizz ta' Marsalforn. Mistoqsija dwar dan il-fatt wiegbet: *"forsi jien lill-huti ma riedtx naghtihom is-sodisfazzjoni ta' certu korrispondenza li qeghda nircievi."* (fol. 183). Ftit wara bidlet il-verzjoni u qalet li ghamlet hekk ghaliex kienet ghadha ma bidlitx l-indirizz fuq il-karta tal-identita.

(b) Jirrizulta li qatt ma talbet lil Maltapost biex tibdel l-indirizz postali taghha. Mistoqsija ghalfejn, wiegbet li *"qatt ma gietni f'mohhi li naghmilha."* (fol. 183). Ir-raguni tghidlek li jekk mort tghix band'ohra b'mod permanenti, tiehu hsieb taghmel dak li hemm bzonn sabiex il-posta tirceviha fil-post fejn qieghed tghix.

Meqjus li l-oneru tal-prova hu fuq il-konvenuta, il-qorti m'hijiex sodisfatta li rnexxielha tressaq provi sodisfacenti li tikkwalifika bhala kerrej skond l-Artikolu 2 tal-Kap. 69.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-atturi, b'dan li ghal finijiet ta' zgumbrament qeghda tiffissa terminu ta' xahrejn mil-lum. Spejjez a karigu tal-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------